Supplliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,869, 28 ta' Lulju, 1981

Taqsima B

A.L. 80 ta' l-1981

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA

(KAP. 51)

Regoli ta' l-1981 li jemendaw ir-Regoli tal-Bord dwar l-Ispiżjari dwar il-Proċedura ta' Taħsir ta' Ismijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 87 I ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Bord dwar l-Ispiżjari, bl-approvazzjoni tal-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1981 li jemendaw ir-Regoli tal-Bord dwar l-Ispiżjari dwar il-Proċedura ta' Taħsir ta' Ismijiet, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1969 tal-Bord dwar l-Ispiżjari dwar il-Proċedura ta' Taħsir ta' Ismijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 76 ta' l-1969

Jemenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

2. Fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tar-regola 4 tar-regoli prinċipali —

(a) il-kliem "piena tal-mewt jew xogħol iebes għal kull żmien jew" għandhom jitħassru, u

(b) minflok il-kliem "fl-artikoli 212 sa 223 tal-Kodiċi Kriminali" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikoli 212 sa 219 jew fl-artikoli 221 sa 223 tal-Kodiċi Kriminali".

Jemenda r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

3. Fit-test Ingliż tal-paragrafu (2) tar-regola 7, minflok il-kliem "the Chairman of the Board, as the case may be" għandhom jidħlu l-kliem "the Chairman or the Board, as the case may be".

Jemenda regola 9 tar-regoli prinċipali.

4. Fil-paragrafu (1) tar-regola 9 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Kull membru" għandhom jidħlu l-kliem "Kull membru jew kull membru addizzjonali".

Jemenda r-regola 16 tar-regoli prinċipali.

5. Fir-regola 16 tar-regoli prinċipali, minflok il-kelma "il-membri" kull fejn tinsab għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "il-membri jew il-membri addizzjonali".

Jemenda r-regola 21 tar-regoli prinċipali.

6. Fir-regola 21 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Il-membri tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "Il-membri jew il-membri addizzjonali tal-Bord".